MALTA

ATT Nru. XLIII ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

ACT No. XLIII of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Housing Authority Act, 1976.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

16 ta' Diċembru, 1986

ATT Nru. XLIII ta' l-1986

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

2. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "l-Awtorità għandha tinqeda bid-Dipartiment ta' l-Art bħala aġent tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità għandha tinqeda bid-Dipartiment ta' l-Art bħala aġent tagħha dwar proprjetà immobbli li tkun tinsab fil-Gżira ta' Malta u bis-Segretarjat għal Għawdex bħala aġent tagħha dwar proprjetà immobbli li tkun tinsab fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 410 tat-8 ta' Diċembru, 1986.

PAUL XUEREB
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati